

Informazzjoni ġenerali

Ir-regoli nazzjonali dwar il-wirt ivarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri (bħal pereżempju min jiret, x'inhu l-porzjon u s-sehem riżervat, kif għandha tiġi amministrata l-proprjetà, kemm hija wiesgħa r-responsabbiltà tal-werriet għad-dejn, eċċ.).



Informazzjoni ġenerali

Pass ewlieni biex ikunu faċilitati s-suċċessjonijiet transfruntieri kien l-adozzjoni fl-4 ta' Lulju 2012, ta' regoli ġodda tal-Unjoni Ewropea (UE) mfassla biex jagħmluha eħfef għaċ-ċittadini biex jimmaniġġaw l-aspetti legali ta' testment jew suċċessjoni internazzjonali. Dawn ir-regoli l-ġodda japplikaw għas-suċċessjoni ta' dawk li jmutu fis-17 ta' Awwissu 2015 jew wara.

Ir-[Regolament](#) jassigura li s-suċċessjoni transfruntiera tiġi ttrattata b'mod koerenti, skont liġi waħda u minn awtorità waħda. Fil-prinċipju, il-qrati tal-Istat Membru fejn iċ-ċittadini kellhom l-aħħar residenza abitwali tagħhom ikollhom il-ġurisdizzjoni biex jitrattaw is-suċċessjoni u hija l-liġi ta' dak l-Istat Membru li japplika. Madankollu, iċ-ċittadini jistgħu jagħżlu li l-liġi li għandha tapplika għas-suċċessjoni tagħhom għandha tkun il-liġi tal-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom. L-applikazzjoni ta' liġi waħda minn awtorità waħda għal suċċessjoni transfruntiera tevita proċedimenti paralleli b'deċiżjonijiet ġudizzjarji possibbilment konfliġġenti. Hija tiżgura li deċiżjonijiet mogħtija minn Stat Membru jkunu rikonoxxuti mal-Unjoni kollha mingħajr il-bżonn ta' xi proċedura speċjali.

Ir-Regolament jintroduċi wkoll Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĊES). Dan hu dokument, maħruġ mill-awtorità li tittratta s-suċċessjoni, jista' jintuża mill-werrieta, il-legatarji, l-eżekutori testamentarji u l-amministraturi tal-patrimonju biex ikun ta' prova għall-*status* tagħhom u biex jeżerċitaw id-drittijiet jew is-setgħat tagħhom fi Stati Membri oħra. Ladarba jinħareġ, iċ-ĊES ikun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtieġa ta' xi proċedura speċjali.

Fid-9 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni adottat ir-[Regolament ta' Implimentazzjoni](#) li jstabbilixxi l-formoli li jridu jintużaw skont ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni:

- [Word](#)

- [PDF](#)

Il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika jippermetti l-possibbiltà li timentela u tinħoloq PDF tal-formula V (Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni) online hawnhekk.

Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit ma jiħdux sehem fir-Regolament. Minħabba f'hekk, il-proċeduri tas-suċċessjoni transfruntiera ttrattati mill-awtoritajiet ta' dawn it-tliet Stati Membri se jkomplu jkunu rregolati biss mir-regoli nazzjonali tagħhom.

Kwistjonijiet ta' liġi tat-taxxa fuq il-wirt huma esklużi mill-ambitu tar-Regolament.

Issib informazzjoni dwar ir-regoli ġodda tal-UE dwar is-suċċessjoni f'dan il-[fuljett](#):

Ikklikkja fuq il-bnadar tal-pajjiż rilevanti f'din il-paġna biex tikkonsulta d-dokumenti informativi dwar **il-liġi tas-suċċessjoni u proċeduri nazzjonali f'kull Stat Membru**. Dawn id-dokumenti informativi tħejjew min-[Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali](#) (European Justice Network, EJN-civil) f'kooperazzjoni mal-[Kunsill tan-Nutara tal-UE](#) (Council of the Notaries of the EU, CNUE).

Is-suċċessjonijiet fl-Ewropa, sit propost mis-CNUE, jista' jgħinek issib it-twegibiet għall-mistoqsijiet dwar is-suċċessjoni fi 22 Stat Membru.

Jekk trid issib nutar fi Stat Membru, tista' tuża l-għodda tat-tiftix [Sib nutar](#) provduta mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tan-nutara parteċipanti.

Ir-regoli nazzjonali dwar ir-reġistrazzjoni ta' testmenti jvarjaw konsiderevolment. F'xi Stati Membri, il-persuna li tagħmel testment (it-"testatur") ikun irid jirreġistrah. Fi Stati Membri oħra, hija rakkomandata reġistrazzjoni jew din tikkonċerna biss ċerti tipi ta' testmenti. Fi ftit Stati Membri ma jeżistux reġistri tat-testmenti.

Jekk trid tkun taf kif tirreġistra testment fi Stat Membru jew jekk xi ħadd li għie nieqes għamiltx testment, tista' tikkonsulta d-[dokument](#) informattivi li tnejew mill-Assoċjazzjoni tan-Netwerk Ewropew tar-Reġistri tat-Testmenti ([European Network of the Registers of Wills Association](#), ENRWA) u li huma fi 3-4 lingwi. Dawn id-dokumenti informattivi jispjegaw kif tirreġistra testment f'kull Stat Membru u jagħtu gwida dwar kif tfittex testment f'kull Stat Membru.

Foloq relatati

Suċċessjonijiet – notifiċi tal-Istati Membri u għodda ta' tfittxija li tgħin fl-identifikazzjoni tal-qorti/qrati/awtorità/awtoritajiet kompetenti

[Gwida għaċ-ċittadini](#) : kif ir-regoli tal-UE jissimplifikaw il-wirt internazzjonali

Ir-riżultati tal-proġett "Further developments in the area of interconnection of registers of wills", li jiffoka fuq il-possibilitajiet biex isjuri proċedimenti tas-suċċessjoni transfruntiera b'mod aktar effiċjenti permezz ta' mezzi elettroniċi, immexxi [mill-Ministeru tal-Ġustizzja Estonja](#) u li sar bil-kooperazzjoni [mal-European Network of Registers of Wills Association](#), [il-Kunsill tan-Nutara tal-Unjoni Ewropea](#), [il-Kamra tan-Nutara tal-Estonja](#), [iċ-Ċentru Estonjan tar-Reġistri u s-Sistemi tal-Infommazzjoni](#), u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea:

- [L-istudju dwar il-fattibbiltà](#)

- [Ir-rapport finali](#)

- [Rakkomandazzjonijiet](#)

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-infommazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe infommazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 10/12/2018